# *Il-Knisja ta' Santa Marija fl-inħawi ta' Ħal Tmin*



Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela B.A. (Hons), Lic.D.; H.E.L.

- *Ir-Raħal ta' Ħal Tmin fl-Istorja*
- *Raħal malajr milħuq mill-furbani Misilmin*
- *Importanza tal-Knisja ta' l-Assunta*
- *Il-Qalb ħanina ta' Leonardo Tabone*

## L-Għarbi Temim Assant

Kuntrarju għal dak li ġieli ntqal, l-isem "Hal Tmin" mhux ġej mill-fatt li dan ir-raħal ċkejken kien jinsab fit-tmiem jew tarf il-parroċċa taż-Żejtun, iżda minn "**Temim Assant**", l-isem Għarbi ta' wieħed li kien joqgħod f'dan l-inħawi fiż-Żmenijiet Medjevali Tardivi (1). Fid-dokumenti tas-sekli XV u XVI jissejjaħ "**raħal timin**" (1498), "**raħal timil**" (1534), "**raħal Chimin**" (1538), "**racal timin**" (1538) u "**ta ħal timin**" (1593). Filwaqt li "Temim" hu isem personali Għarbi komuni ħafna, minn "Assant" għadu jeżisti f'Malta il-kunjom "Sant" (2). Mela l-isem "Hal Tmin" jaf il-bidu tiegħu lill-qasam bil-bini fuqu ta' bniedem b'isem Għarbi.

## Diversi Ismijiet f'Ħal Tmin

Iżda barra Ħal Tmin, fl-imgħoddi dawn l-inħawi, jew partijiet minnhom, kienu jissejħu b'diversi ismijiet. Hekk, biex insemmi ftit: **Andar il-Barrani**, jiġifieri il-qiegħa għad-dris fuq in-naħa ta' barra; **Andar il-Ġewwieni**, jew il-qiegħa fuq in-naħa ta' ġewwa; **id-Dukkiena ta' Ingraw**, l-għalqa ta' Angarao bil-bank tal-ġebel; **id-Dkieken**, għelieqi bil-bankijiet tal-ġebel (dkieken = plural ta' dukkiena); **ta' Girajda**, għelieqi taċ-ċkejkna Geralda; **il-Għadir**, l-għadira bl-ilma qiegħed; **Hal Għadir**, il-qasam ħdejn l-ilma jew għadira; **tas-Sebħa**, tal-għadira; **misraħ Stajnu** (illum Misraħ Strejnu), il-misraħ ta' Tristaino, isem eroj taż-Żmenijiet Medjevali, imfejjaq minn Isolda, bint is-sultan ta' l-Irlanda (Tristaino kien isem komuni fis-seklu XV); **ħirib ta' Raħal Tmin**, il-fdalijiet (rovini) ta' Ħal Tmin ; **Għar Mejmun**, l-għar ta' Mejmun (isem Għarbi komuni fil-punent tal-Mediterran); **tal-Għażi**, isem Musulman ta' bniedem militari; **ta' Selim**, l-għalqa ta' Selim, isem ieħor Għarbi komuni ħafna, xi ħadd qalbu tajba li jħobb ħafna s-sliem u l-paċi. Barra dawn hemm diversi ismijiet oħra li bihom l-għelieqi ta' dawn l-inħawi kienu magħrufa. Kollha juru l-bżulija tal-bdiewa Maltin li kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom mix-xogħol fl-għelieqi (3).

## Irġiel minn Hal Tmin fis-seklu XV

Barra minn hekk, għandna l-lista ta' l-irġiel li kienu jservu fid-dejma fis-sena 1419 u wara. Dawn l-ismijiet ta' ***Casali Temin Assant*** huma miġbura għalihom, separati minn dawk ta' ***Casali Pascualinu*** u ***Casali Johanni*** u ***Busubudi***, il-partijiet l-oħra taż-Żejtun. Naraw li barra ismijiet jew kunjomijiet insara, f'Hal Tmin kienu joqogħdu rġiel b'kunjomijiet Għarbin: Jakinu de la Barba, Giliu Staferagi, Andrea Staferagi, Pinu Caruana, Antoni Muhumudi, Antoni de Burdinu, Thumei Azupardu, Johanni Caruana, Jacobu Spitali u Micheli Muhumudi. Żgur li Caruana u Muhumudi huma kunjomijiet imnissla

.......... Jissokta f' paġna 21

........... Jissokta minn paġna 20

minn ismijiet jew laqmijiet Għarbin, u l-preżenza tagħhom, imħalltin ma' ismijiet Insara, fejn jispikkaw l-ismijiet ta' l-Appostli, f'Ħal Tmin fis-seklu XV tindika li dak iż-żmien, għalkemm il-Maltin kienu reġgħu saru Insara wara l-miġja f'Malta tan-Normanni fis-seklu XII, madankollu xi fdalijiet ta' żmien l-Għarab kien għad baqa' f'dawn l-inħawi.



Il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Tmiem

**Id-Difiża ta' Ħal Tmin**

Iżda aktar ma għadda ż-żmien, aktar Ħal Tmin kien qiegħed jiġi espost għall-attakki tal-furbani Misilmin, li kienu jinżlu faċilment fid-Daħliet ta' San Tumas u Wied il-Għajn, u minn hemm malajr jitilgħu lejn Ħal Tmin fejn, wara li jagħmlu ħerba, kienu jieħdu fil-jasar kull raġel Malti li kienu jaqbdu. Għalhekk in-nies ta' Ħal Tmin bdew jibnu torrijiet biex jiddefendu rwieħhom, jew għall-inqas biex ikollhom fejn jistkennu sakemm tiġihom l-għajnuna miż-Żejtun u minn bnadi oħra. Hekk naraw li **Klement Tabone**, minn Casali Pasqualino (Bisqallin) bena fl-1603 it-**Torri ta' Ingraw** fil-qalba ta' Ħal Tmin. It-**Torri tal-Mozz** inbena fis-sena 1628, kif jidher minn kitba minquxa fuq il-bieb tiegħu. Fl-1657 il-familja **Mamo** bniet it-torri li jġib l-istess isem fit-triq li mid-Daħla ta' San Tumas tieħu għal Ħal Tmin. Fuq ix-xaqliba li tħares lejn Wied il-Għajn, viċin il-knisja ta' Sant' Antnin, kien hemm torri ieħor li ġġarraf bil-bombi fit-Tieni Gwerra Dinjija. Il-preżenza ta' dawn it-torrijiet, barra ta' oħrajn li ma semmejniex, għal darb' oħra turi kemm iż-Żwieten kellhom għal qalbhom dawn l-inħawi, tant li kienu jaraw kif jagħmlu biex jiddefenduhom kontra l-għadu.

**Il-Familja Tabone**

Iżda l-abitanti ta' Ħal Tmin mhux irziezet, għelieqi u torrijiet biss kellhom. Kull komunita' imdaqqsa kien ikollha knisja ċkejkna, jew kappella, fejn in-nies kienu jaqdu d-dmirijiet tagħhom reliġjużi mill-aħjar li jistgħu. Fis-sekli XVI u XVII kienet teżisti f'Bisqallin, ir-Raħal t'Isfel tal-lum, il-familja għanja u rinomata **Tabone**. Diġa' semmejna t-torri mibni minn **Klement Tabone** fil-bidu tas-seklu XVII. Dan it-torri, li sfortunatament ġie mġarraf biex bil-ġebel tiegħu jibnu xi kmamar fl-għelieqi, kellu kitba fuqu li tgħid: ***Clementis clementia non par dicto gigantum – Tabonæ stirpis gloriæ honorve domus*** (4). Dan

........... Jissokta f' paġna 22

.......... Jissokta minn paġna 21

Klement Tabone, li baqa' jissemma għall-qlubija li wera meta l-Misilmin attakkaw liż-Żejtun fl-1614 u mbagħad bena l-knisja ta' San Klement bħala ringrazzjament lil dan il-qaddis talli ħelsu mill-mewt f'idejn l-għadu, kien membru prominenti tal-Familja Tabone. U Tabone ukoll kien kunjom ix-xbejba Pawlina li fl-1602 iżżewġet fiż-Żejtun lin-Nobbli Gaspare Testaferrata mill-Birgu, in-nannu min-naħa ta' ommu ta' Dun Ugolin Bonnici, il-kappillan li bena l-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun (5).

**Il-Knisja mibnija minn Leonardo Tabone**

Membru ieħor wisq importanti tal-Familja Tabone u marbut mill-viċin ma' Ħal Tmin kien **Leonardo Tabone**, li fl-1597 bena f'Ħal Tmin il-knisja dedikata lit-**Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija**. Is-sena 1597 tidher imnaqqxa fid-dawra tas-Salib tal-Kavallieri bi tmien ponot li hemm fil-faċċata ta' l-istess knisja. Żgur li fl-1575 din il-knisja kienet għadha mhix mibnija, għaliex Mons. Pietru Dusina, il-Viżitatur Appostoliku, ma semmihiex fir-rapport taż-żjara tiegħu. Ukoll l-art fejn inbniet din il-knisja kienet ta' Leonardo Tabone, li magħha ħallielha biċċa art oħra u tliet quddisiet (6). Din hi kappella tipika tal-kampanja Maltija, b'forma rettangolari baxxa u b'kampnar żgħir quddiem. Għandha l-imwieżeb għall-ilma tax-xita, żuntier żgħir quddiem u fil-faċċata żewġt itwieqi fil-ġnub, magħluqa bil-ħadid, biex minnhom wieħed ikun jista' jitlob lill-Madonna. Il-festa ta' Santa Marija kienet tiġi ċċelebrata bl-Għasar u l-Quddiesa, kif kien isir ukoll nhar Santa Katarina u nhar San Leonardu. Kien hemm ukoll l-obbligu li ssir quddiesa f'kull festa tal-Madonna - il-Purifikazzjoni, il-Lunzjata, it-Tlugħ fis-Sema, il-Milied, il-Viżitazzjoni, il-Preżentazzjoni u l-Kunċizzjoni. Mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Balaguer fl-1659, jirriżulta li wkoll kien ħalla legat għal tliet quddisiet letti nhar il-Festa ta' Santa Marija.

**Il-Legat taż-Żwieġ**

Iżda l-aħħar legat importanti li Leonardo Tabone ħalla marbut ma' din il-knisja kien dak tal-20 t'Awissu, 1625 (7). F'dan il-legat hu ħalla diversi artijiet, f'"**Tal-Haida**" u "**Latmet Irrez**", biex id-dħul tagħhom, li b'kollox kien ilaħħaq aktar minn 54 skud, somma żgur mhux żgħira fl-1625, jagħmel tajjeb għaż-**żwieġ ta' xebba fqira u twajba kull sena**, bil-kundizzjoni li f'sena tingħażel tfajla miż-Żejtun, u s-sena ta' wara tfajla mill-Birgu. Fis-snin fart kienet tingħażel iż-Żejtunija, u fis-snin biż-żewġ kienet tingħażel oħra mill-Birgu. Irridu niftakru li mart Leonardo kienet mill-Birgu u kien jisimha Katarina. ***Legato del fu' Leonardo Tabone, il quale lascio' l' infrascritte due clausure date a censo emfiteutico per scudi 54.7 l'anno, quali devono impiegarsi scudi 4.7 l'anno in servizio della lampada, li restati scudi 50 in maritaggio d'una zitella della Citta' Vittoriosa, e di Casal Pasqualino alternative d'elegersi nell'anno paro dalli Fratelli del SS. Rosario della Vittoriosa, con sposare nell' altare di detta Confraternita', nell' anno sparo dalli Procuratori pro tempore della Lampada di questa Santa Parrochiale di questa terra (Zeitun), e dovrei sposarvi nella figliale chiesa beneficiale sotto titolo dell' Assunta posta nella contrada di altmin*** (8). Mela skond it-testment ta' Leonardo, ix-xebba mill-Birgu kellha tiġi magħżula mill-membri tal-Fratellanza tar-Rużarju fil-knisja tal-Lunzjata tal-Patrijiet Dumnikani, u kellha tiżżewweġ fl-altar tal-Madonna tar-Rużarju fl-istess knisja, filwaqt li x-xebba Żejtunija kellha tingħażel mill-prokuraturi tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun, u tiżżewweġ nhar il-15 t'Awissu, festa tal-Assunta fil-knisja ta' Ħal Tmin. Barra minn hekk, Tabone rabat lill-għarusa li għal tnax-il ġurnata qabel iż-żwieġ hi ssum u titlob għal ruħu (9). Parti ċkejkna mid-dħul tal-legat - 4 skudi u 7 tari - kellhom imorru għall-ispejjeż tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Peress li matul is-snin id-dħul

.......... Jissokta f' paġna 23

.......... Jissokta minn paġna 22

finanzjarju mill-artijiet imħollija minn Tabone żdied - ***essendo aumentato il rendate*** - bil-permess tal-awtoritajiet ekkleżjastiċi, bdew jiġu bbenefikati żewġ xbejbiet, flok waħda, kull sena (10).

**Restawr tal-Knisja**

Din il-knisja ta' Ħal Tmin damet is-snin twal tintuża min-nies ta' dan ir-raħal ċkejken. Kienet issir quddiesa kull nhar ta' Ħadd u quddiesa kuljum fix-xahar t'Ottubru, ix-xahar tal-Madonna tar-Rużarju. Kienu wkoll isiru l-eżerċizzi fi żmien ir-Randan, it-tagħlim tal-Katekiżmu lit-tfal matul is-sena, kif ukoll kull tant xi konferenza minn membru tal-M.U.S.E.U.M. Ġeneralment kien jinżel iqaddes xi saċerdot miż-Żejtun, għalkemm dan l-aħħar mhux l-ewwel darba li l-quddiesa saret minn xi patri Tereżjan mill-kunvent ta' Tas-Silġ. Peress li n-nies naqsu minn Ħal Tmin, u s-saċerdoti m'għadhomx numerużi bħal qabel, ħafna minn dawn l-attivitajiet spiċċaw għal kollox.

Minn wara t-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn saru diversi restawri f'din il-knisja. Sfortunatament il-parti ta' wara tagħha kienet sofriet xi ħsara fl-istess gwerra u meta ġiet irranġata, flok ma komplew l-istil tal-knisja bis-saqaf tax-xorok fuq il-ħnejjiet, saqqfu l-parti l-ġdida bil-konkrit. Kien il-prokuratur Dun Ġużepp Desira li fis-snin ħamsin kabbar ftit il-knisja fuq in-naħa tal-altar, u warajh l-Arċipriet Dun Karm Farrugia rranġa l-għalqa fuq in-naħa ta' wara tal-knisja biex ikunu jistgħu isiru xi laqgħat, speċjalment fil-għaxijiet tas-sajf.

**Riferenzi**


1. Godfrey Wettinger, Place Names of the Maltese Islands, c.1300 - 1800, p.291
2. Ibidem
3. Idem, passim
4. Walter Zahra, "Storja taż-Żejtun", p.110
5. J. Abela, "300 Sena Ilu", p.39
6. Nutar Andrea Albano, 12 / 9 / 1628
7. Nutar Andrea Albano
8. Arkivju Parrokkjali Żejtun, MS 58, f.116v
9. APŻ MS 187, f.31
10. APŻ MS 173, f. 447



RYMA AUTO PARTS
(Maurice)
NEW & SECOND HAND PARTS
(Free Delivery to Panel Beaters)
Suppliers of Peugeot Original Parts
Opening Hours: 9:00am to 7:00pm
Tel: 21802929 Mob: 99470202 Fax: 21673485
Dalli Ind. Est. Tarxien Rd Gudja